MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta tal-15 ta' Gunju, 2010

Citazzjoni Numru. 301/2004

**A B**
**vs**
**C B f' isimha proprju u ghan-nom tat-tifla minuri D B;**
**u d-Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attur ippremetta: li l-partijiet izzewgu fil-21 ta' Lulju 1995, u f' dan iz-zwieg twieldet it-tifla D fit-28 ta' Awwissu 1997 li fuq l-att tat-twelid taghha numru 3351/97 tinsab registrata bhala wild tal-attur; li b' sentenza moghtija minn din il-Qorti fit-30 ta' Gunju 2004 fil-kawza "C B vs A B" [Cit.2144/2000RCP] "il-qerq tal-konvenuta nkixef konklussivament"; li l-konvenuta qed tirrifjuta li jsir it-test tad-DNA relattivament ghat-tifla; li l-attur m'huwiex il-missier naturali tat-tifla, u li ghalhekk hemm bzonn ta' korrezzjoni fl-att tat-twelid taghha; ghaldaqstant qed jitlob li din il-Qorti:

1. Tistieden lil konvenuta u lil minuri a tenur ta’ l-artikolu 70(3) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta sabiex joqghodu ghal ezamijiet mehtiega sabiex tigi stabbilita’ il-prova genetika dwar il-minuri D B;

2. Tordna li fl-eventwalita’ illi l-ezamijiet medici jikkonkludu illi l-attur ma huwiex il-missier naturali tal-minuri jew din il-Qorti tikkonkludi mill-fatt li l-konvenuta ma tkunx trid taghmel dawn l-ezamijiet medici l-korrezzjoni mehtiega fl-Att tat-Twelid tal-minuri D B numri progressi 3351/1997 sabiex il-paternita’ tal-minuri tigi korrettament rispjekjata fl-istess att billi fil-kolonna fejn jinsabu mnizzlin il-konnotati tal-missier ossia l-attur, jigu sostitwiti bil-kliem missier mhux maghruf;

3. Tillibera lill-attur fl-eventwalita’ illi l-ezamijiet medici jikkonkludu illi l-attur ma huwiex il-missier naturali tal-minuri jew din il-Qorti tikkonkludi mill-fatt li l-konvenuta ma tkunx trid taghmel dawn l-ezamijiet medici mill-obbligu li jhallas il-manteniment ghal minuri D B kif ordnat minn din l-Onorabbli Qorti fis-sentenza fl-ismijiet C B vs A B (Cit Nru 2144/00 RCP) datata 30 ta’ Gunju 2004.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuta C B li biha eccepiet:

1. Illi preliminarjament it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante li l-kawza odjerna ma gietx prezentata fit-terminu impost fil-ligi.

2. Illi preliminarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost il-kawza promotorja ma tinkwadrax fl-artikolu 70 tal-Kap. 16 liema artikolu jiddetta kif ragel jista’ jichad li jaghraf minuri mnissel fiz-zwieg;

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost u fil-mertu it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-minuri D B hija l-wild naturali tal-attur;

4. Illi l-eccipjenti m’ ghandiex tehel ebda spejjez ghal din il-procedura;

5. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tad-Direttur tar-Registru Pubbliku li biha eccepixxa:

1. Illi preliminarjament din l-azzjoni hija fuori termine ai termini ta’ l-Artikolu 73 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

2. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost fil-mertu l-esponent mhux edott mill-fatti kif allegati fic-citazzjoni u ghalhekk jirrimetti ruhu ghall-provi dwar it-talbiet, inkluz dawk it-testijiet xjentifici necessarji, ghal gudizzju ta’ din l-Onorabbli Qorti.

3. Illi jekk it-talbiet attrici jintlaqghu jehtieg illi l-kliem “the said” jigu kkancellati minn taht il-kolonna li tindika t-taghrif dwar l-omm fl-Att ta’ Twelid in kwistjoni.

4. Illi ghandha ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern ai termini ta’ l-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

5. Illi fi kwalunkwe kaz it-tibdil rikjest fl-Att tat-Twelid m’huwiex attribwibbli ghal xi nuqqas tal-konvenut li ghaldaqstant m’ghandux jigi soggett ghall-ispejjez ta’ l-istanti.

6. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat is-sentenza fl-ismijiet premessi moghtija minn din il-Qorti fit-30 ta’ Gunju 2004;[1]

Rat ir-rapport xjentifiku tad-DNA prezentat u mahluf mill-Ispizjara Dottoressa Marisa Cassar;[2]

Rat l-atti kollha tal-kawza nkluzi, id-dikjarazzjonijiet guramentati u l-listi tax-xhieda, u l-affidavits prezentati;

[1] Fol.48 *et seq.*
[2] Fol.230 *et seq.*

Rat il-provvediment moghti minn din il-Qorti fil-25 ta' Novembru 2009 li permezz tieghu giet milqugha t-talba ta' l-attur rikorrent sabiex jigi awtorizzat jipprocedi ghall-kawza ta' denegata' paternita', u b' hekk l-atti gew sanati; konsegwenzjalment l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuta C B u tad-Direttur tar-Registru Pubbliku gew sorvolati;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**L-Azzjoni**
Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li t-tifla D li twieldet mill-konvenuta C B fit-28 ta' Awwissu 1997 u registrata fuq l-att tat-twelid taghha numru 3351/97 bhala bintu naturali, fil-fatt m'hijiex il-wild naturali u bijologiku tieghu; u konsegwenzjalment qed jitlob li jsiru l-korrezzjonijiet opportuni fl-istess att tat-twelid, kif ukoll sabiex din il-Qorti tezenta lill-istess attur milli jkompli jhallas lill-imsemmija konvenuta l-manteniment ghat-tifla kif ordnat mill-Qorti fis-sentenza precitata.

Minn naha taghha l-konvenuta C B issostni li t-tifla hija l-wild naturali ta' l-attur.

**Il-Fatti**
Illi mill-provi jirrizulta sodisfacentement provat li fit-28 ta' Awwissu 1997 il-konvenuta C B weldet it-tifla D waqt li kienet mizzewga lill-attur.

Illi b' sentenza moghtija minn din il-Qorti, diversament presjeduta, fit-30 ta' Gunju 2004, u li tifforma gudikat fil-konfront taz-zewg partijiet, l-istess konvenuta kienet instabet responsabbli ghas-separazzjoni personali bejn il-konjugi B, in bazi ghall-ingurja gravi kontemplat fl-artikolu 40 tal-Kap.16 in vista tar-relazzjoni ta' hbiberija li dina, mara mizzewga, kellha ma' terz identifikat fl-istess sentenza.

Illi l-attur isostni li l-imsemmija tarbija m'hijiex il-wild naturali tieghu, izda hija frott ta' relazzjoni extra-

matrimonjali da parti ta' martu C B; u r-rizultanzi tat-testijiet xjentifici tad-DNA jissufragaw din it-tezi, stante li jeskludu lill-attur bhala il-missier naturali tat-tifla.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehema li t-talba attrici hija gustifikata fil-fatt, u fid-dritt fit-termini ta' l-artikolu 70[1][d] tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet ta' l-attur, u tiddikjara li t-tifla D li twieldet mill-konvenuta C B fit-28 ta' Awissu 1997 m'hijiex il-wild naturali u bijologika ta' l-attur; u konsegwenzjalment tordna l-korrezzjonijiet opportuni fl-imsemmi att tat-twelid numru 3351/97, u tilqa' wkoll it-tielet talba fit-termini taghha.

L-ispejjez kollha jkunu a kariku tal-konvenuta C B f' isimha proprju.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------